*IL-KWADRI TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU U TA' ĠESÙ NAZZARENU FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' SANNAT.*



*Dun Anton Grima: vigarju-kurat fil-parroċċa ta' Sannat mill-1 ta' Diċembru 1913 sat-30 t'April 1916 (ara referneza 1)*

Fuq l-artal tal-kappellun tal-punent fil-knisja parrokkjali ta' Sannat naraw kwadru tal-Madonna tar-Rużarju, xogħol tal-pittur Malti Ġanni Vella fl-1915. Dan il-kwadru kien ġie mbierek nhar is-26 ta' Mejju 1915 minn Dun Anton Grima bis-setgħa mogħtija lilu mill-isqof t'Għawdex, Mons. Gio-Maria Camilleri. F'dak iż-żmien, Dun Anton Grima kien vigarju-kurat fil-parroċċa ta' Sannat[1].

Dan il-kwadru huwa wieħed mill-ewwel xogħolijiet li Ġanni Vella għamel wara li rritorna lura minn Ruma fejn kien mar jistudja l-arti. Ġanni Vella fassal ix-xbieha tal-Madonna f'dan il-kwadru fuq martu stess. Huwa kien iħobb juża lil martu Mary bħala mudell meta kien jiġi biex ipitter lill-Madonna f'xi kwadru tiegħu. Ix-xbieha tat-tfajjel Ġesù f'idejn il-Madonna ġiet imfassla fuq Attilio, l-ewwel tarbija li l-pittur kellu u li kien mietlu fl-età ta tmintax-il xahar. Ħdejn riġlejn il-Madonna, wieħed jilmaħ il-figuri ta' Santa Roża u San Duminku. Waqt li l-figura ta' Santa Roża ġiet imfassla mill-pittur fuq oħt il-mara tiegħu, l-individwu li fuqu ġiet imfassla l-figura ta' San Duminku mhux magħrfu[2].

Fuq l-istess artal, taħt dan il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju, wieħed jilmaħ sotto-kwadru ta' Ġesù Nazzarenu[3]. Dan is-sotto-kwadru kien sar x'aktarx f'Malta fil-bidu tas-seklu għoxrin.

Kien ġie jiswa' seba' liri u ġew imħallsin mill-benefattur Anġlu Buttigieg li ħalla wkoll ħames liri biex ikunu jistgħu jiġu mixgħulin x-xema' quddiem din ix-xbieha. L-istess Anġlu Buttigieg kien ħa ħsieb ukoll għall-ispejjes ta' lampier ċkejken biex jiddendel u jinxtegħel quddiem din l-istess xbieha tan-Nazzarenu[4].



*Il-Kwadru tal-Madonna tar-Ruzarju fil-Knisja parrokkjali ta' Sannat.*

***Noti u referenżi.***

1. JOSEPH BEZZINA, Sannat Fi Ġrajjet Għawdex, Gozo 1989, 419. 441. 448. Ara wkoll ANTON BAJADA, Sannat, 1868-1968. Souvenir tal-Festi Ċentenarji Gozo 1968, taħt id-data 1915.
2. Tagħrif bbażat fuq informazzjoni mogħtija nhar it-28 t'Ottubru 1984 mis-sur Aldo Vella, iben il-pittur Ġanni Vella.
3. Qabel ma' tpoġġa fuq l-artal fejn jinsab illum, dan il-kwadru ta' Ġesù Nazzarenu kien imdendel fejn hemm il-bieb fittizju fl-istess kappellun.
4. Tagħrif bbażat fuq informazzjoni mogħtija f'diversi okkażjonjiet mis-sur Salvu Buttigieg, in-neputi ta' Anġlu Buttigieg.